MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Stqarrija

30 ta' Ġunju, 2020

# L-MFSA b'aktar informazzjoni dwar poloz tal-Assigurazzjoni fuq id-Dar

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) illum nediet kampanja ta' informazzjoni sabiex iżżid l-għarfien tal-pubbliku fuq id-diversi poloz disponibbli għall-Assigurazzjoni fuq id-Dar.

Ta' spiss, it-terminu 'assigurazzjoni fuq id-dar' jintuża biex jirreferi għal assigurazzjoni li tkopri kemm il-bini kif ukoll il-kontenut. Madankollu, il-konsumatur m'għandux jassumi li l-polza tal-assigurazzjoni fuq id-dar awtomatikament tkopri l-kontenut ukoll. Fil-fatt, ħafna drabi, il-polza tal-assigurazzjoni tal-bini hija separata minn dik tal-assigurazzjoni fuq il-kontenut.

L-għan ta' din il-kampanja ta' informazzjoni huwa dak li jiddistingwi bejn id-diversi prodotti disponibbli; fejn poloz varji jkopru l-bini biss jew il-kontenut ta' ġod-dar biss. Barra minn hekk, dawn iż-żewġ tipi ta' poloz jistgħu jinxtraw flimkien jew b'mod separat.

Emily Benson, l-uffiċċjal responsabbli għall-Conduct Supervision fi ħdan l-MFSA ikkummentat li "l-qofol ta' din il-kampanja huwa li jkun hemm aktar għarfien u aktar protezzjoni. L-MFSA hija impenjata sabiex tidentifika s-setturi li jistgħu jkunu l-aktar vulnerabbli u għaldaqstant fejn tinħtieġ aktar informazzjoni; u timplimenta miżuri u programmi li jsaħħu l-għarfien li jwassal għall-protezzjoni tal-klijent."

Il-ħarsien tal-interessi tal-konsumaturi huwa wieħed mill-għanijiet strateġiċi tal-MFSA kif stipulat fil-Pjan Strateġiku 2019-2021.

Għal aktar informazzjoni tista' żżur: www.mfsa.mt/consumers/consumer-awareness-and-education/insurance/different-types-insurance/home-insurance/

## Dwar l-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjonijiet. Fl-2018, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,200 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 6% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155

communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt